MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1947/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandattrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**
**vs**

**Iain Degiorgio**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm61.61), kwantu ghal tlieta u hamsin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm53.57) Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Frar, 2003 sal-5 ta' Frar, 2004, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011706 (Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Lazy Corner Bar", Msida, u seba' liri u tlieta u sittin centezmu (Lm7.63) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-15 ta' Mejju, 2003, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvat, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' wiehed u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm61.61) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Frar, 2003, sal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-15 ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------